***-CMR RULES –***

***-CONVENTION ON THE CONTRACT OF INTERNATIONAL CARRIAGE OF GOODS (CMR) (GENEVA) 19 TA' MEJJU 1956 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 669/95/RCP**

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rappresentanza ta' Middle Sea Insurance Co Ltd u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Bortex Clothing Industry Co. Ltd.**

**vs**

**Joseph Vella u Sebastian Vella fil-kawalita` taghhom ta' Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Express Trailers Limited u**

**b'digriet tat-28 ta' Gunju 1995 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' Bortex Clothing Industry Co. Limited, l-assikurat tal-atturi nomine, inkarigat lis-socjeta' konvenuta tittrasportalha partita merkanzija konsistenti fi qliezet u ggiket tal-irgiel minn Malta ghall-Ingilterra taht il-kondizzjonijiet maghrufa bhala ***CMR Rules*** u dan skond kif jirrizulta mill-anness Dokument "A';

Illi l-merkanzija giet mghobbija fi *"closed box trailer"* - Numru ETM 71 *(Supercube)* proprjeta' tas-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Gunju 1994 u telqghet minn Malta fuq il-bastiment M.V. Pinto fi triqitha lejn Malsilia, Franza fejn waslet fis-6 ta' Gunju 1994;

Illi skond il-kondizzjonijiet tal-precitati ***CMR Rules*** is-socjeta' konvenuta bhala *'carrier'* hija responsabbbli *"for the total or partial loss of the goods and for the damage thereto occuring between the time when he takes over the goods and the time of delivery………";*

Illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkkonsenja parti sostanzjali mill-merkanzija lid-destinatarji taghha il-ghaliex waqt illi t-*trailer* kien qieghed Marsilia gew misruqa mitejn (200) par qalziet u tlett mija u disgha u ghoxrin (329) il-gakketa, waqt li hames (5) pari qliezet u disgha u tmenin (89) il-gakketta gew danneggati kollox kif jirrizulta mis-*'survey report'*, hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B";

Illi bhala rizultat l-assikurat tas-socjeta' attrici sofra danni konsiderevoli ammontanti ghal tnax-il elf mija u sitta u ghoxrin lira Maltija, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbbli ghad-danni kollha sofferti lill-assikurat tas-socjeta' attrici;

Illi l-atturi nomine kif kienu obbligati illi jaghmlu abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni hallsu lill-assikurat taghhom is-socjeta' Bortex Clothing Industry Co, Limited is-somma ta' tnax-il elf, mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm12,126), d-danni minnha sofferti kif fuq inghad u b'hekk gew ssurogati fid-drittijiet kollha taghha;

Illi ghalhekk l-istess konvenuti nomine ghandhom jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi huma unikament responsabbbli ghad-danni kollha li sofra l-assikurat tal-

atturi nomine fil-merkanzija tieghu meta din kienet fil-pussess taghhom u allura kienu repsonsabbli ghaliha kif fuq intqal;

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-atturi nomine is-somma ta' tnax-il elf, mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm12,126) *in linea* ta' danni sofferti mill-assikurat tal-atturi nomine u lilu mhallsa mill-istess atturi nomine kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mit-28 ta' April 1995 kontra l-konvenuti nomine ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 19 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tad-19 ta' Gunju 1995 fejn ecceppew:

(1) Illi fl-ewwel lok, l-istanti ma ghandhomx ir-rappresentanza gudizzjarja tas-socjeta' Middle Sea Insurance Co. Ltd.

(2) Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhumiex responsabbbli ghad-danni reklamati mill-atturi u dan peress li din il-merkanzija ma waslitx fid-destinazzjoni taghha fl-istat intier kawza ta' cirkostanzi li

dwarhom l-eccipjenti ma kellhom ebda kontroll dwarhom. Id-danni sofferti mill-attur avveraw ruhhom meta l-merkanzija kienet fil-kustodja tas-Sea Malta matul dik il-parti tal-vjagg bejn Malta u Marsilja.

(3) Illi fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponenti ghandhom interess li jitolbu l-kjamata fil-kawza ta' Joseph Apps ghan-nom u in rappresentenza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited u dan billi huwa importanti w ekonomiku li tigi stabbilita r-responsabbbilita' tal-partijiet kollha involuti f'dan il-kaz f'gudizzju wiehed. In oltre f'kaz li jigi ritenut li s-socjeta' konvenuta hija responsabbbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici, l-istess konvenuti ghandhom dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' dawn it-terzi.

(4) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbbilita' li tista' tigi determinata minn din il-Qorti, hija limitata *ai termini* tal-kondizzjonijiet tal-garr.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda a fol 23 u 24 tal-process;

Rat ir-rikors ta' Joseph Vella et noe tad-19 ta' Gunju 1995 a fol 26 tal-process fejn intalbet l-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited.

Rat il-verbal tat-28 ta' Gunju 1995 fejn Dr Louis Cassar Pullicino talab il-kjamat in kawza tas-socjeta` Sea Malta Co Ltd li ma gietx opposta minn Dr Albert Grech. Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat in-notifika tac-citazzjoni lill-kjamat in kawza bil-fakolta li jaghmlu l-eccezzjonijiet taghhom skond il-ligi u fi zmien hemm stipulat u thalli l-kawza ghall-provi tal-attur ghall-20 ta' Ottubru 1995.

Rat in-nota tal-konvenuti nomine tat-28 ta' Gunju 1995 skond liema irrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata fil-kawza Sea Malta Company Limited a fol. 34 tal-process fejn ecceppiet illi:-

(1) Fl-ewwel lok in-notifika lis-socjeta' kjamata fil-kawza direttament lilu u mhux lill-persuna li tirrappresenta u hija ghalhekk nulla u mhux skond il-ligi;

(2) Fit-tieni lok s-socjeta' kjamata fil-kawza ma ghandha l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici.

(3) Illi fil-mertu:-

(i) meta gew neqsin l-oggetti in kwistjoni dawn ma kienxu fil-kura u kustodja tas-socjeta' kjamata fil-kawza; u

(ii) fi kwalsiasi kaz is-socjeta' kjamata fil-kawza ma kellha ebda tort jew htija ghar-rigward tan-nuqqas u ghalhekk ma kellha l-ebda responsabbbilita'.

(4) Illi fl-ahharentt u salvi l-premess il-limitazzjoni tar-responsabbilita' ghat-tenur tal-polza tal-karigu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess socjeta' kjamata fil-kawza a fol. 34 tal-process u l-lista ta' xhieda a fol. 35 tal-istess u d-dokumenti hemm annessi a fol. 36 sa 64 tal-process.

Rat il-verbali tal-20 ta' Ottubru 1995, 9 ta' Jannar 1996, 7 ta' Marzu 1996, 11 ta' Novembru 1996, 11 ta' April 1997, 7 ta' Novembru 1997, 20 ta' Marzu 1998, 2 ta' Novembru 1998, 10 ta' Marzu 1999, 12 ta' Novembru 1999, 3 ta' April 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta inkluzi dawk tad-19 ta' Mejju 2000, 5 ta' Ottubru 2000, 11 ta' Jannar 2001 fejn id-difensuri prezenti tas-socjetajiet attrici u konvenuti qablu fuq il-fatti hemm indikati minnhom, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha konvenuti ghat-3 ta' Mejju 2001, b'dan li l-kovenuti kellhom zmien sittin (60) gurnata ghall-prezentata tal-affidavits b'digriet relattiv.

Rat ix-xhieda ta' George Bonnici u Salvatore Gatt tal-11 ta' April 1997 a fol. 71 sa 73 tal-process; ta' Paul Parnis tas-7

ta' Novembru 1997; Saviour sive Sunny Zarb, Victor Grupetta, u Juan Formosa tal-20 ta' Marzu 1998; tal-istess xhud Juan Formosa tat-2 ta' Novembru 1998 u 10 ta' Marzu 1999; Denis Debattista bl-affidavit tieghu tal-11 ta' Novembru 1999; Aldo Sant u Frank Tartaglia fix-xhieda taghhom tat-3 ta' April 2000 u Frans Vella tat-3 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-kjamat fil-kawza, u b'digriet tal-affidavits tal-istess b'terminu ta' erbghin (40) gurnata u l-kawza thalliet ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-kjamata fil-kawza ghat-3 ta' Lulju 2001.

Rat il-verbal tat-3 ta' Lulju 2001 fejn l-kjamata fil-kawza ghalkemm imsejjha diversi drabi baqghet ma dehritx u lanqas deher id-difensur taghha u peress li tali seduta kienet ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-istess u dawn lanqas biss dehru, il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta' ta' noti, b'dan li l-provi tal-istess socjeta' kjamata fil-kawza gew dikjarati bhala maghluqa, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti tat-13 ta' Awissu 2001, u dik tal-atturi nomine tad-19 ta' Settembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PROVI PRODOTTI.

Illi din il-kawza qed issir *stante* li s-socjeta' Bortex Clothing Industry Company Limited, assikurata mis-socjeta' attrici inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex twassal *"closed box trailer"* minn Malta ghall-Ingilterra skond l-ftehim ta' bejniethom esebit bhala Dokument "A" konsistenti in verita' f'*International Consignment Note No. 0690* datat 3 ta' Gunju 1994, li jghid espressament li:-

*"This contract of carriage and the carriage of goods hereunder is subject to the provisions of the Convention on the Contract of Carriage of Goods by Road (CMR). The parties expressly agree that the provisions of the said convention are incorporated into this contract and form part thereof".*

Illi fil-fatt jirrizulta li l-istess merkanzija kollha f'dan it-*trailer* konsistenti fi 617 il-gakketta u 130 par qalziet tal-irgiel u qliezet ohra (kif jidher a fol. 6 u 9 tal-process) ma waslitx kollha fi stat tajjeb fid-destinazzjoni taghha fl-Ingilterra, u ghalhekk s-socjeta' assikuratrici, surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' speditrici qed taghmel azzjoni ta' danni kontra l-

istess socjeta' li kellha iggorr l-istess merkanzija, skond il-ftehim indikat.

Illi bhala fatti ma tantx jidher li huma kontestati u fil-fatt jirrizulta li l-istess *trailer* gie ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta proprju fit-3 ta' Gunju 1994 (Dok. "A"), u skond polza ta' karigu datata 3 ta' Gunju 1994 (dokument a fol. 12 tal-process) ukoll l-istess merkanzija kellha tigi trasportata mis-socjeta' kjamata fil-kawza ghall-Marsilja fuq ordni tal-istess socjeta' konvenuta li tinsab indikata fl-istess polza ta' karigu bhala *"shipper".*

Illi mis-*survey report* datat 21 ta' April 1995 maghmul minn Juan Formosa ghan-nom tas-socjeta' Mediterranean *Survey* Bureau Limited inkarigat mis-socjeta' attrici jirrizulta li l-hwejjeg hemm indikati gew mahzuna jew *stuffed* fl-istess *trailer* minn impjegati tas-socjeta' konvenuta u zewgt' impjegati tas-socjeta' assikurata mis-socjeta' attrici, u l-istess *trailed* gie sigillat bin-numru 047023 u 4845, u ingarr mis-socjeta' konvenuta ghall-Belt, fejn wara li l-karti gew processati mill-ufficcjali tad-Dwana tghabba fuq il-vapur M.V. Pinto fit-3 ta' Gunju 1994 u wasal Marsilja fis-6 ta' Gunju 1994, u hemm gie mpoggi f'mahzen tad-ditta Intramar, kuntrattur tas-socjeta' kjamata fil-kawza f'Marsilja. Illi jidher li f'Marsilja kien hemm strajk u waqt li kien hekk mahzun, l-istess *trailer* gie sgassat u inhadu xi oggetti minnu u ohrajn gew danneggjati. B'dan is-socjeta' konvenuta informat lis-socjeta' Bortex Clothing Industry Co. Limited fl-14 ta' Gunju 1994, u wara is-socjeta' konvenuta

gharfet lis-*surveyor,* li l-persuna li kienet ikkomettiet dan is-serq kienet impjegata tad-ditta *Intramar Express Trailers.* Is-socjeta' konvenuta ddecidiet li twassal it-*trailer* l-Ingilterra u qabel ma telaq minn Marsilja ma sar ebda *survey* mis-socjeta' konvenuta, pero' saru sigilli godda fuqu numri 432411 u 003592.

Illi l-istess *trailer* wasal l-Ingilterra fil-15 ta' Gunju 1994 u hemm sar *survey* inkarigat mid-ditta Intramar, li minnu jirrizulta li mill-hwejjeg destinati ghad-ditti Moss Bros. U Suites You kien hemm 5 qliezet bil-hsara u 200 par qalziet nieqes, filwaqt li 89 gakketa bil-hsara u 329 nieqsa li kellhom il-valur komplessiv ta' stg. 20,857. Dan huwa fil-fatt ikkonfermat minn *survey* ta' Intercargo *Surveys* Limited datata 16 ta' Gunju 1994 a fol. 37 tal-process.

Illi fil-fatt is-socjeta' Mediterranean *Survey* Bureau Limited kitbet lis-socjeta' kjamata fil-kawza b'ittra datata 18 ta' April fejn talbitha sabiex tikkomunika mad-ditta Intramar sabiex taghmel *claim* maghha, u fit-30 ta' Jannar 1995 is-socjeta' kjamata fil-kawza kitbet lill-istess ditta sabiex isiru l-arrangamenti necessarji sabiex isir il-hlas mid-ditta Intramar.

Illi mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta wkoll li dawn in-nuqqasijiet li graw Marsilja meta il-merkanzija kienet f'idejn id-ditta Intramar SA gew ikkonfermati minn *survey* maghmul minn A. Rouxeau de L'Ecotais fit-23 ta' Gunju 1994 li jinsab esebit a fol. 52 sa 57 tal-process, u iehor

datat 7 ta' Lulju 1994 minn Patrick Benoit (Dok. "FV11" – fol. 136) inkarigat minn Ets. Technotrans agenti tas-socjeta' konvenuta w a fol. 58 hemm estratt mill-gazzetta *Marseille Infos* fejn il-persuna imputata b'tali serq in kwistjoni jirrizulta li kien certu Liasine Behairi, impjegat tad-ditta Intramar.

Illi fil-11 ta' Lulju 1994 (fol.60) is-socjeta' kjamata fil-kawza informat lis-socjeta' konvenuta li l-agent taghha Intramar issugerixxa li ssir transazzjoni abbazi ta' 50% tal-valur tal-oggetti nieqsa, u fl-20 ta' Gunju 1994 is-socjeta' konvenuta informat lis-socjeta' konvenuta (fol.63) li hija ma hijiex taccetta r-responsabbilita' *stante* li t-*trailer* tnizzel minn fuq il-vapur fi stat tajjeb u dan b'risposta ghall-ittra interpellatorja tas-socjeta' konvenuta datata 14 ta' Gunju 1994.

Illi **Denis Debattista** impjegat tas-socjeta' Bortex Clothing Industries Co. Limited ikkonferma li l-merkanzija giet mghobbija fl-istess *boxed trailer* fit-2 ta' Gunju 1994 fil-presenza tal-ufficcjali tad-Dwana li ssigillaw l-istess, liema ufficcjal Frank Tartaglia ezamina id-dokumenti tal-istess merkanzija ghall-esportazzjoni, ikkonferma li ma kienx hemm hsarat u issigilla l-istess *trailer* u dan jinsab ikkonfermat mid-dokumenti "FGC 1" sa "FGC 6.

Illi **Frans Vella**, direttur tas-socjeta' konvenuta fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Mejju 2001 ikkonferma dan kollu u li l-hsara indunaw biha meta l-agent taghhom Technotrans mar biex jigbor il-merkanzija minn Masilja u sabu li t-*trailer* kien gie

miftuh u sar serq minnu minn *stevadors* li kienu inkarigati mis-socjeta’ kjamata fil-kawza w allura kkomunikaw mas-Sea Malta u ddecidew li s-*survey* issir l-Ingilterra. Ovvjament qabel li l-inkarigu taghhom kien li jwassal il-merkanzija minn Malta ghall-Ingilterra, u huma qabdu lill-kjamat fil-kawza sabiex iwasslu it-*trailer* Marsilja, fejn baqa’ ghand l-agenti ta’ dawn ta’ l-ahhar fid-depot Marsilja stess, fejn sar is-serq, u wara l-istess *trailer* ingibed minn Techotrans, agenti tas-socjeta’ konvenuta, li wassluh l-Ingilterra.

**B. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li s-socjeta` assigurata mas-socjeta` attrici inkarigat lis-socjeta` konvenuta sabiex iggorr il-merkanzija in kwistjoni go *trailer* mill-fabbrika taghha hawn Malta ghad-destinatarji fl-Ingilterra, u dan abbazi ta’ kuntratt ta’ garr li jidher esebit *inter alia* a fol 6 tal-process, liema ftehim kif hemm specifikatament indikat, il-partijiet fuq indikati u kontraenti qablu li jkun suggett ghall-provizzjonijiet ezistenti fil-*Convention on the Contract for International Goods by Road* (Geneva, 19 ta’ Mejju 1956) maghrufa ahjar bhal s-**CMR Rules**.

Illi fil-fatt kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Alfred Grima noe vs Saviour Mifsud noe**” (A.K. 27 ta’ Dicembru 1991 – Vol LXXIII.ii.648):

*"Biex il-konvenzjoni tapplika l-partijiet iridu jkunu espressament ftehmu hekk. Dan il-principju huwa segwit f'diversi sistemi guridici ... ... u l-Qorti tal-Kummerc, b'riferibilment ta' dawk li huma maghrufa bhala The Hague Rules, irritjena l-istess principju fis-sentenzi "**Avukat Dr Austin Sammut noe et noe vs Vivienne Bianch et noe**" tat-3 ta' Mejju 1990 u l-"**Avukat Dr Austin Sammut noe et vs James G Gollcher et noe**" tal-10 ta' Mejju 1990."*

Illi f'dan il-kaz, a differenza tal-kawza fuq citata, jidher car li l-partijiet specifikaw illi tali relazzjoni taghhom u ta' bejniethom kellha tigi regolata bl-imsemmija **CMR Rules**, u ghalhekk ovvjament isegwi li d-determinazzjoni ta' responsabbbilita` *o meno* tas-socjeta` konvenuta fil-kawza odjerna ghandha tigi deciza abbazi ta' tali regoli, *stante* li tali regoli huma nkorporati fil-ftehim bejn l-istess partijiet u ghalhekk jaghmlu stat fil-konfront tal-istess. Dan fil-fatt kien l-unika mod li japplikaw tali regoli *stante* li ma jidhirx li tali **CMR Rules** jifformaw *per se* parti mill-ligijiet nostrali, izda la l-partijiet jaghzlu li tali regoli ghandhom japplikaw ghar-relazzjoni ta' bejniethom, u ma hemm xejn fl-istess regoli kontra *public policy,* isegwi li l-ftehim bejn l-istess jifforma ligi bejn il-partijiet kontraenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-merkanzija indikata ma twaslitx shiha mis-socjeta' konvenuta, kif hija obbligat ruhha li taghmel *verso* s-socjeta' speditrici, fid-destinazzjoni taghha l-Ingilterra u ghalhekk jidher li s-socjeta` konvenuta ghandha tirrispondi ghall-istess nuqqas abbazi tal-principju

kostanti enuncjat f'diversi sentenzi fosthom **"Reginald Micallef *nomine vs* Godwin Abela *nomine*"** (A.K. 16 ta' Marzu 1992 – LXXV.ii.430) u **"Marianno Sare' vs Antoine Ellul"** (A.C. 12 ta' Gunju 1953 – XXXVII.i.197) fejn inghad li :-

*"Id-debitur jibqa' dejjem responsabbbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti sakemm ma jipprovax li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li huwa jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni imqabdin minnu".*

Illi pero' dan il-principju fuq enuncjat irid jigi kkunsidrat fid-dawl tal-provedementi tac-**CMR Rules** li l-partijiet jaqblu li ghandu japplika ghall-kaz *de quo,* u fil-fatt **artikolu 3** tal-istess jipprovdi li:

*"For the purposes of this convention the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own".*

Illi mbaghad l-**artikolu 17** tal-istess **CMR Rules** jipprovdi li:

*"1. The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*

*2. The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

*3. The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter."*

Illi l-**artikolu 18** jipprovdi illi:

*"1. The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier."*

Illi ghalhekk huma abbazi ta' dawn ir-regoli li dan il-kaz ghandu jigi deciz, bil-konsegwenza li r-responsabbbilita`

tas-socjeta` konvenuta hija estiza u limitata skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess regolamenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li s-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` kjamata fil-kawza sabiex iggorr l-istess *trailer* minn Malta ghall-Marsilja abbazi tal-polza ta' karigu relattiva, u wkoll li fil-fatt l-istess *container* twassal sa Marsilja l-art fejn hemm waqt li l-istess merkanzija kienet f'idejn id-ditta Intramar, agenti tas-sojecta` kjamat in kawza, l-istess *trailer* gie sgassat minn impjegati tal-istess ditta, kif jirrizulta minn diversi dokumenti esebiti fosthom *surveys*, korrispondenza w estratt minn gazzetti lokali ta' dak il-post. Wara dan l-akkadut il-merkanzija giet migbura mill-agent tas-socjeta` konvenuta bl-isem ta' Technotrans fejn twasslet ghand id-destinatarji l-Ingilterra fejn gew finalment verifikati in-nuqqasijiet u l-hsarat elenkati fic-citazzjoni attrici u ndikati dettaljatament fis-*surveys* rispettivi maghmula mill-Mediterranean *Survey* Bureau Limited (Dok B fol 14 tal-process), mis-*survey* ta' *Societe d'Etudes et d'Expertise* datat 23 ta' Gunju 1994 (fol 52 sa 57 tal-process) u wkoll minn *survey* iehor maghmul minn Patrick Benoit datat 7 ta' Lulju 1994 (Dok FV11 a fol 136 tal-process).

Illi abbazi tal-istess rizultanzi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-ftehim ta' garr tal-merkanzija *de quo* sar esklussivament bejn l-istess socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta, u d-danni reklamati huma naxxenti mill-istess relazzjoni kontrattwali.

Illi s-socjeta` konvenuta qed targumenta li la darba l-hsara u n-nuqqasijiet riskontrati graw meta l-istess merkanzija kienet fil-pussess tal-kjamata fil-kawza mela allura l-istess socjeta` kjamata in kawza ghandha tinzamm responsabbbli tal-istess danni *di fronte* ghas-socjeta` speditrici.
Illi din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta u dan peress li jirrizulta mhux kontestat li r-relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-*International Consignment Note* hija dik bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta abbazi ta' relazzjoni kuntrattwali hemm milhuqa. Il-fatt li l-istess socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` kjamata in kawza sabiex iggorr l-istess *trailer* fuq il-vapur ta' dan tal-ahhar, ma jfissirx li l-istess socjeta` kjamata in kawza b'hekk holqot relazzjoni guridika u kontrattwali mas-socjeta` attrici u dan anke in vista tal-fatt li l-inkarigu tas-socjeta` konvenuta sar direttament u esklussivament mas-socjeta` konvenuta u mkien mill-istess ftehim ma jirrizulta li s-socjeta` speditrici tat il-kunsens taghha sabiex is-socjeta` konvenuta tinkariga terzi sabiex igorru l-istess merkanzija.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Benjamin Bonnici *nomine vs* Francis Vella *et nomine"*** ( Citaz. Numru. 1083/92/JF - P.A. F. 30 ta' Ottubru 2000):

*"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici* (f'dan il-kaz s-socjeta' assikurata ) *u s-socjeta' konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-*

*konvenuti nomine u t-terz - minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta' attrici* (f'dan il-kaz is-socjeta' speditrici) - *m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta' attrici (*aqra ghal dan il-kaz s-socjeta' assikurata) *ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur … ... kif kienet tenuta li taghmel … … ... Il-konvenuti nomine ma rnexxilhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur … ... ... ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent'".*

Illi fis-sentenza "**Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd**" (P.A (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) fejn saret referenza ghas-sentenza fuq citata inghad ukoll:

*"Illi huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabbilita' tal-konvenut fil-konfront tal-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma'*

*haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata. (“***Mamo vs Abela nomine***” - A.C. 4 ta’ Frar 2000).*

*Illi dawn il-principji kollha japplikaw ghall-kaz in kwistjoni stante li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta’ garr ta’ merkanzija mill-Ingilterra ghall-Malta kien proprju dak bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ estera indikata fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta hija estraneja ghall-posizzjoni tal-attur f’din il-kawza.”*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dawn il-principji fuq ennuncjati japplikaw anke fil-kaz in kwistjoni nono*stante* l-applikazzjoni tas-**CMR Rules** ghall-kaz odjern, ghaliex fl-opinjoni ta’ din il-Qorti m’hemm xejn fl-istess konvenzjoni li jezonera r-responsabbbilita` tas-socjeta` konvenuta bhala *carrier* li hija assumiet fil-konfront tas-socjeta` speditrici, cjoe’ dik l-obbligazzjoni li twassal l-istess merkanzija minn Malta ghall-Ingilterra. Illi dan huwa hekk anke ghaliex l-unika relazzjoni li s-socjeta’ kjamata in kawza kellha kienet dik bejnha u bejn l-istess socjeta` konvenuta, liema relazzjoni *di fronte* ghas-socjeta` speditrici hija *res inter alios acta*, apparti li l-istesss relazzjoni hija regolata bil-polza ta’ karigu u mhux bl-imsemmija regoli.

Illi stabbilit il-premess is-socjeta` konvenuta qed tecepixxi li *ai termini* tal-**artikolu 17 (2) tas-CMR Rules** fuq citat hija

m'ghandiex tinzamm responsabbbli peress li n-nuqqas u l-hsara fl-istess merkanzija grat "*through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent*".

Illi fil-fatt l-istess socjeta' konvenuta tikkwota lill-awtur **Malcom A. Clarke** fix-xoghol tieghu intitolat **International Carriage of Goods by Road CMR** (2nd Edition pg 355), li jsostni li:

*"For the defence of unavoidable circumstances, as the name suggests, the evidence must disclose a cause that was the unavoidable cause of the loss, damage or delay. At first sight, the description of the defence suggests loss, damage or delay which could not have been avoided by the carrier, something quite literally, inevitable. However, in England, the defence of unavoidable circumstance is not read literally. It does not require absurd or extravagant measures of the carrier, but that the circumstances causing loss, damage or delay could not be avoided by the exercise of "utmost care" on the part of the carrier."*

Illi s-socjeta` konvenuta abbazi ta' dak fuq imsemmi qed issostni li hija ma setghatx tevita li ssir tali serqa *stante* li dik kienet wahda mir-rottot ewlenin li setghet tittiehed u li normalment tigi segwita u wkoll meta grat l-istess serqa din il-merkanzija kienet fil-pussess tas-socjeta` kjamata fil-kawza u fl-ahhar nett ghaliex il-Port ta' Marsilja huwa notorju ghall-tali perikoli u ghalhekk tezisti fil-konfront

taghhom *unaviodable circumstances* li b'hekk tezonerahom minn kwalunkwe responsabbbilita` ghar-rigward tal-istess nuqqasijiet.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma tali sottomissjonijiet fl-ewwel lok ghaliex il-fatt li s-socjeta` konvenuta inkarigat minn jedda lill-terzi sabiex igorru l-istess merkanzija ma tezonerax lill-istess socjeta` konvenuta mir-responsabbbiltajiet taghha *di fronte* tas-socjeta` attrici *stante* li fil-konfront tal-istess hija assumiet l-obbligazzjoni li twassal l-istess merkanzija sal-punt jew destinazzjoni mifthema, u ghalhekk hija tirrispondi ghan-nuqqasijiet ta' terzi imqabbda minnha unilateralment dejjem fil-konfront tal-istess socjeta' assikurata.

Illi f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghas-sentenza "**"Paul Musu` *et vs* Francis Vella *nomine*"** (A.C. 4 ta' Dicembru 1998 - LXXXII.ii.1336) fejn inghad li:-

*"Din il-Qorti allura ma tistax ma taccettax il-konkluzjoni ta' L-Ewwel Qorti li s-socjeta' konvenuta ma rnexxiliex tezimi lilha nfisha mir-responsabbilita' ghall-akkadut. Mhux biss, indubbjament ghax ir-relazzjoni guridika diretta kienet biss bejn l-attur nomine u s-socjeta' konvenuta, in kwantu hu ma din is-socjeta' li kien finalizzat il-kuntratt ta' trasport; mhux biss ghaliex imkien ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta b'xi mod … … … … … ottjeniet il-kunsens taghha (*ghas-subappalt moghti) *imma ukoll ghaliex hu adegewatament ippruvat li s-socjeta' kjamata fil-kawza* (it-

terz) *inkarigata mis-socjeta' konvenuta kienet ghal kollox inadempjenti fir-rigward tar-responsabbilitajiet taghha bhala trasportatur li tassigura li l-merkanzija fdata f'idejha kontra kull riskju bhal dak li kkaguna d-danni reklamati f'din il-kawza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta s-sottomissjoni li dak li gara kien incident li sehh indipendentement mill-volonta' tas-socjeta' konvenuta … … Ma tistax taccetta li kien kaz fortuwitu fejn l-appellant nomine seta' jinvoka l-principju 'casus sentit dominus'."*

Illi dan il-principju ennuncjat fil-gurisprudenza nostrali jinsab ikkonfermat fl-**artikolu 3 tal-istess konvenzjoni** fejn jinghad li l-"*carrier shall be responsible for the acts or ommissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own".*

Illi minn dan isegwi li anke kieku jigi ritenut li n-nuqqasijiet u hsara fil-merkanzija gew riskontrati meta din kienet fil-kustodja tas-socjeta\` kjamata in kawza huwa car li ghal tali nuqqasijiet, ghandha tinzamm responsabbbli *di fronte* tas-socjeta\` speditrici, l-istess socjeta\` konvenuta *stante* li din hija l-unika relazzjoni kontrattwali ezistenti bejn il-partijiet li dahlu fl-istess ftehim, u l-istess socjeta' konvenuta tirrispondi ghan-nuqqasijiet ta' terzi minnha imqabbda li jirrapresentaw lilha.

Illi fit-tieni lok mill-fatti kif proposti f'din il-kawza jirrizulta li kien hemm nuqqas serju fil-kustodja tal-istess affarijiet waqt li t-*trailer* kien qed jistenna li jigi migbur mill-agenti tas-socjeta` konvenuta, tant li ghalkemm kien fid-depot fix-xatt ta' Marsilja dan gie sgassat minn impjegati tal-agenti tal-kjamat fil-kawza stess u ghalhekk jidher li mic-cirkostanzi tal-kaz ma kienx hemm kustodja u sigurta' adatta sabiex jigi evitat li jsir tali sgass kemm mill-persuni jew ditta li kellha attwalment il-kustodja tal-istess *trailer*, tant li tali hsara saret minn impjegati taghha stess.

Illi inoltre jidher ukoll li kien hemm nuqqas *da parte* tal-agenti tas-socjeta` konvenuta li ma taw l-ebda spjegazzjoni ghaliex l-istess *trailer* thalla x-xatt u ma ngabarx mill-ewwel minnhom ghat-tkomplija tat-tragitt lejn l-Ingilterra hekk kif dan wasal Marsilja.

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li s-socjeta` konvenuta ma setghatx tevita li jsir tali serq anke kkonsidrat il-fatt li l-istess socjeta` qabdet terzi persuni sabiex jiehdu hsieb l-istess merkanzija f'dak il-waqt tat-tragitt, u dan ghaliex is-socjeta` konvenuta li minn jedda qabdet lil terzi sabiex jiehdu hsieb l-istess merkanzija, xorta tibqa' responsabbbli hija ghall-istess merkanzija *di fronte* tas-socjeta` speditrici u ghalhekk responsabbbli wkoll ghall-atti ta' negligenza u traskuragni kommessi mill-persuni minnha nkarigati.

Illi *in oltre* minn imkien ma jidher li s-socjeta' konvenuta ippruvat, dak li skond il-konvenzjoni huwa l-oneru taghha li tipprova, li kieku giet applikata l-attenzjoni necessarja u kura ragonevoli li wiehed jistenna minn depositarju jew trasportatur tal-oggetti, tali nuqqas u serq kien xorta jsehh. Illi anzi mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta li kieku l-istess trasportaturi f'kull parti tal-vjagg tal-istess merkanzija ghamlu xogholhom sew u ndukraw l-istess *trailer* kif suppost u kif mistenni skond il-grad ta' *bonus pater familias* tali serq ma kienx isir. Il-fatt li l-istess socjeta` konvenuta tammetti li tali garr u destinazzjoni tal-Port ta' Marsilja huwa notorju ghas-serq kien jimponi obbligu akbar da parti tas-socjeta` konvenuta u t-terzi nkarigati minnha li joqghodu aktar attenti sabiex jissalvagwardjaw l-istess merkanzija ghall-perikoli li huma jidhru li minhabba l-mistier taghhom huma kienu ben konoxxenti taghhom.

Illi jinghad ukoll li l-kwotazzjoni moghtija mis-socjeta` konvenuta ma tmurx kontra dak li jinghad f'din is-sentenza ghaliex certament li l-fatti fuq esposti, li l-partijiet kollha jidhru li qablu dwarhom, ma jammontawx ghal dak li l-istess awtur isejjah "*a cause that was the unavoidable cause of the loss, damage or delay*", anzi juri li s-socjeta` konvenuta u t-terzi persuni minnha nkarigati ma wzawx l-"*utmost care*" li s-socjeta` konvenuta tammetti li kellha taddotta waqt il-garr tal-istess merkanzija.

Illi hawn huwa ukoll pertinenti dak li s-socjeta' attrici sostniet fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha fejn iccitat lil

**Hill D.J.** mill-ktieb tieghu **Freight Fowarders** (pg.97,para. 164, Footnote 99) li jsostni:-

*"The carrier can rely on the exemptions in article 17 (2) if it appears that the damage results from specific circumstances which relieve him from liability. If there is no such evidence the carrier will be liable.*

*The carrier can rely on exemptions in article 17 (2) if it appears that the damage was due to an extraneous cause. The burden is on the carrier to show that the damage results from specific circumstances which relieve him from liability. If there is no such evidence the carrier will be liable".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-prova s-socjeta' konvenuta ma ghamlithiex, anzi l-kaz taghha huwa aggravat mill-fatt li skond l-**artikolu 29 tal-istess CMR Rules** jippovdi li :-

*"1. The carrier shall not be entitled to avail himself of the provisions of this chapter which exclude or limit his liability or which shift the burden of proof if the damage was caused by his willful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seized of the case, is considered as equivalent to willful misconduct.*

*2. The same provision shall apply if the willful misconduct or default is committed by the agents or*

*servants of the carrier or by other persons of whose service he makes use of for the performance of the carriage … ...".*

Illi fil-fatt fis-sentenza gja citata **"Paul Musu' vs Francis Vella et"** (A.K. 4 ta' Dicembru 1998 – LXXXII.ii.1336) inghad illi:-

*"Din il-Qorti taccetta s-sottomissjonijiet ta' l-appellat nomine li, anke li kieku kellu jigi pruvat li tapplika s-CMR Convention fil-kaz in ezami, l-artikolu 29 taghha jeskludi il-limitatazzjoni tar-responsabbilita' tal-Carrier f'kazi fejn dan juri 'wilful misconduct jew equivalent default. "Issa gie ritenut (ara Malcolm Clerk, "International Carriage of Goods by Road" illi din (l-equivalent default) must be weighed by the lex fori" – jigifieri l-ligi Maltija".*

Illi f'dan il-kaz jidher li kien hemm *wilful misconduct da parte* tal-impjegati tal-agenti tas-socjeta' kjamata fil-kawza, ghaliex fil-fatt sar serq mill-persuni li suppost kellhom l-obbligu li jindukraw l-istess merkanzija, u la darba *"wilful misconduct"* hu definit bhala *"knowingly doing the act, knowing of the probability of damage",* li thalli li dan is-serq isir f'cirkostanzi meta qieghed hemm sabiex izomm il-pussess tieghu u tiehu kura tieghu, tammonta certament ghal *"wilful misconduct".*

Illi kwantu ghar-responsabbilita' tal-kjamata fil-kawza apparti il-fatt li r-relazzjoni tal-istess hija biss mas-socjeta' konvenuta, li jista' jkollha dritt ta' rivalsa kontra taghha, din

hija regolata bejn l-istess socjeta’ konvenuta u l-istess kjamata fil-kawza *ai termini* tal-polza ta’ karigu ta’ bejniethom, liema responsabbilita’ testendi biss ghad-durata tal-vjagg fil-bahar u dan sal-punt meta l-istess merkanzija tigi mhotta min fuq il-vapur. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li tali hsara saret f’dan l-istadju, izda biss wara li l-istess merkanzija nizlet minn fuq il-vapur u nizlet fil-port ta’ Marsilja, u ghalhekk l-ebda responsabbilita’ ma tista’ tigi attribwita lill-istess kjamata fil-kawza abbazi tal-istess polza ghaliex is-serq sar *“after discharge from the vessel”* (*survey* a fol. 15). Illi kwantu l-istess *trailer* gratlu l-hsara deskritta filwaqt li kien fil-pussess tad-ditta Intramar, bhala agenti tas-socjeta’ kjamata fil-kawza fil-port ta’ Marsilja, din hija kwistjoni ohra, jista’ jkun li l-istess socjeta’ konvenuta ghandha dritt ta’ rivalsa kontra l-istess kjamata fil-kawza jekk tigi ppruvata tali agenzija jew mandat, ovvjament f’gudizzju separat. Illi ghalhekk fil-konfront tas-socjeta’ attrici t-tieni eccezzjoni ghandha tigi milqugha u l-kjamata fil-kawza ghandha konsegwentement tigi libertata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghar-rigward tad-danni ikkaggunati jirrizulta li l-valur tal-merkanzija nieqsa jew bil-hsara kienet dik ta’ stg. 20,857 li huma ekwivalenti ghall-Lm12,126 skond kif allegat fic-citazzjoni attrici, u kwantu ghall-**artikolu 23** tas-**CMR Rules** citat mis-socjeta’ konvenuta dan ma japlikax ghall-kaz *de quo stante* li l-applikazzjoni tal-**artikolu 29** tal-istess, kif fuq accennat, jeskludi l-applikazzjoni ta’ limitazzjoni jew eskluzzjoni ta’ responsabbilita’ fil-konfront tas-socjeta’

konvenuta, u ghalhekk ma ghandu jsir ebda tnaqqis mill-ammont ta’ danni attwalment sofferti mis-socjeta’ assikurata rappresentanti l-valur tal-merkanzija attwalment nieqsa jew bil-hsara li ma twaslitx fi stat tajjeb mis-socjeta’ konvenuta, liema ammont gie mhallas mis-socjeta’ attrici li giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, tant li dan il-fatt ta’ surroga lanqas gie kontestat mis-socjeta’ konvenuta.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tas-socjeta’ attrici, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, **tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti nomine** b’dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi huma unikament responsabbbli ghad-danni kollha li sofra l-assikurat tal-atturi nomine fil-merkanzija tieghu meta din kienet fil-pussess taghhom u allura kienu repsonsabbli ghaliha kif fuq intqal;

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-atturi nomine is-somma ta’ tnax-il elf, mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm12,126) in linea ta’ danni sofferti

mill-assikurat tal-atturi nomine u lilu mhallsa mill-istess atturi nomine kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-kjamata fil-kawza kontra l-konvenuti nomine , u bl-imghax legali mit-28 ta' April 1995 sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2001.**